# Fuljett ta' Tagħrif dwar il-Ħżieża

**X'inhi l-ħżieża?**
Il-ħżieża hija infezzjoni komuni tal-ġilda li tista' taffettwa l-ġilda u d-dwiefer. L-infezzjoni, li hija kkawżata minn fungus, tissejjaħ "ħżieża (ringworm)" għaliex tista' tikkawża raxx bil-ħakk, aħmar u ċirkolari.

Madwar 40 speċi differenti ta' fungi jistgħu jikkawżaw il-ħżieża. It-tipi differenti ta' ħżieża huma normalment imsemmija għall-parti tal-ġisem fejn tinsab l-infezzjoni. Partijiet tal-ġisem li jistgħu jiġu affettwati mill-ħżieża jinkludu: Is-saqajn (tinea pedis jew "athlete's foot"); l-irqiq ta' bejn il-koxxa u ż-żaqq, in-naħa ta' ġewwa tal-koxox, jew il-warrani (tinea cruris jew "jock itch"); il-qorriegħa (tinea capitis); id-dwiefer tas-swaba' tas-saqajn jew tal-idejn (tinea unguium); partijiet oħra tal-ġisem bħad-dirgħajn jew ir-riġlejn (tinea corporis)

**Min jista' jiġi infettat bil-ħżieża?**
L-infezzjonijiet tal-ħżieża huma komuni ħafna. Jistgħu jaffettwaw lil kulħadd, inkluż persuni li huma b'saħħithom. L-infezzjonijiet tal-ħżieża jistgħu jkunu aktar komuni fost persuni b'sistemi immunitarji soppressi, persuni li jużaw banjijiet komuni, u persuni li huma involuti fi sport ta' kuntatt bħal-lotta. Tifqigħat ta' infezzjonijiet jistgħu jseħħu fi skejjel, djar u ambjenti istituzzjonali.

L-infezzjoni tal-ħżieża li taffettwa l-qorriegħa u x-xagħar, tinea capitas, hija komuni b'mod speċjali fost tfal tal-età tal-iskola u normalment ma toħroġx wara l-pubertà. Tipi oħra ta' infezzjonijiet tal-ħżieża għandhom it-tendenza li jkunu aktar komuni fl-adoloxxenti u l-adulti.

**Kif jinfirxu l-infezzjonijiet tal-ħżieża?**
Il-ħżieża hija infezzjoni li tittieħed u tista' tinfirex permezz ta' kuntatt dirett mal-ġilda ma' persuna infettata jew billi wieħed imiss annimali infettati bil-ħżieża. Oġġetti bħal ħwejjeġ, friex, xugamani, pettnijiet jew xkupilji jistgħu jiġu kontaminati wkoll u jxerrdu l-infezzjoni.

**X'inhuma s-sintomi tal-infezzjonijiet tal-ħżieża?**
Dawn l-infezzjonijiet normalment iqabbdu l-ħakk u jwasslu għal ħmura, tqaxxir jew qsim tal-ġilda. Ħżieża tal-qorriegħa normalment tibda bħala ponta żgħira li tikber fid-daqs u tħalli rqajja' bil-qoxra ta' tfartis temporanju. Xagħar infettat isir fraġli u jinqata' faċilment. Bil-ħżieża tad-dwiefer, id-dwiefer affettwati jsiru aktar ħoxnin, jitilfu l-kulur u jsiru aktar fraġli. Il-ħżieża tal-ġisem tidher bħala partijiet ċatti, forma ta' ċirku, li qed jinfirxu. It-tarf huwa ħamrani u jista' jkun xott u bil-qxur jew umdu u bil-qoxra. Meta tinfirex, il-parti ċentrali tiċċara u tidher normali. Il-ħżieża tas-sieq tidher bħala qxur jew qsim tal-ġilda b'mod speċjali bejn is-swaba'.


Ringworm on the back


Ringworm on the arm


Ringworm on the scalp

**Meta jibdew jidhru s-sintomi?**
Is-sintomi tipikament jidhru bejn 4 u 14-il ġurnata wara esponiment.

**Persuna infettata bil-ħżieża ssir immuni?**
Ladarba l-ħżieża tista' tiġi kkawżata minn diversi speċijiet ta' fungus, infezzjoni bi speċi waħda ma tagħmilx lil persuna immuni għal infezzjonijiet oħra fil-futur.

**Hemm komplikazzjonijiet assoċjati mal-ħżieża?**
Huwa rari li infezzjoni fungali tinfirex taħt il-wiċċ tal-ġilda biex tikkawża mard serju. Madankollu, persuni b'sistemi immunitarji dgħajfa jistgħu jsibuha diffiċli li jeħilsu mill-infezzjoni.

**Kif jistgħu jiġu trattati infezzjonijiet tal-ħżieża?**
It-trattament għall-ħżieża jiddependi fuq il-parti tal-ġisem fejn tinsab u kemm hija serja l-infezzjoni. Xi forom ta' ħżieża jistgħu jiġu trattati b'mediċini li ma jeħtiġux riċetta tat-tabib ("over-the-counter"), iżda forom oħra ta' ħżieża jeħtieġu trattament b'mediċini antifungali li jeħtieġu riċetta tat-tabib.

- **Ħżieża fuq il-ġilda** normalment tista' tiġi trattata bi kremi, lozjonijiet, jew terer antifungali li ma jeħtiġux riċetta tat-tabib, applikati fuq il-ġilda għal 2 sa 4 ġimgħat.
- **Ħżieża fuq il-qorriegħa** (tinea capitis) normalment teħtieġ li tiġi trattata b'mediċini antifungali li jeħtieġu riċetta tat-tabib u li jdumu jittieħdu b'mod orali għal 1 sa 3 xhur. Kremi, lozjonijiet, jew terer ma jaħdmux għal ħżieża fuq il-qorriegħa.

**Miżuri li għandek tieħu jekk jiġi kkonfermat li għandek il-ħżieża**
Jekk ġie kkonfermat li inti jew it-tifel/tifla tiegħek ġejtu infettati bil-ħżieża:

- Żomm l-erja affettwata nadifa u xotta.
- Biex tevita li l-infezzjoni tittieħed minn persuni oħra, tużawx xugamani ta' xulxin. Aħsel ix-xugamani, il-lożor u l-ħwejjeġ ta' sikwit. Naddaf ix-xawer jew il-banju wara li tużahom. Ipprova tħokkx ir-raxx, għaliex dan jista' jferrex il-fungus għal partijiet oħra ta' ġismek.
- Fejn possibbli għandek tarmi jew tiddiżinfetta (bil-bliċ) oġġetti li setgħu ġew ikkontaminati bi spori fungali - pereżempju, kpiepel, pettnijiet, imħaded, kutri u imqassijiet. Dan għandu l-għan li jipprevjeni infezzjoni mill-ġdid wara t-trattament u biex jiġi evitat li l-infezzjoni tittieħed minn persuni oħra.
- It-tfal xorta waħda jistgħu jmorru l-iskola. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-infezzjoni ma tiġix trażmessa lil oħrajn, għandhom isegwu b'attenzjoni t-trattment rakkomandat.

- Iċċekkja l-qorriegħa jew il-ġilda tat-tfal l-oħra fid-dar. Jekk ikun hemm sinjali ta' ħżieża, fittex parir mediku.
- Jekk ikun issuspettat li s-sors tal-infezzjoni fungali ikun annimal domestiku, ikkonsulta veterinarju għal trattament

***Jekk tixtieq aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja t-Taqsima għall--Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard Infettiv (Infectious Disease Prevention and Control Unit) fuq 23266109, 23266122, 23266119***


Infectious Disease Prevention and Control Unit, 5B, The Emporium, C. De Brocktorff Str., Msida MSD 1421 Malta.
Tel: (+356) 2326 6145, Helpline 21 324 086, Email: disease.surveillance@gov.mt